**Parlament Ewropew**
2014-2019

*Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali*

**2016/2237(INL)**

23.5.2018

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar l-istatut għall-intrapriżi soċjali u solidali
(2016/2237(INL))

Rapporteur għal opinjoni: Heinz K. Becker

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura

(Inizjattiva – Artikolu 46 tar-Regoli ta' Proċedura)

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

A. billi fl-Ewropa hemm varjetà kbira ta' oqfsa regolatorji għall-intrapriżi soċjali u solidali fil-livell nazzjonali b'differenzi kbar f'termini ta' approċċi ġuridiċi (bħal kooperattivi, assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet tal-karità, intrapriżi mutwi, fondazzjonijiet eċċ.), mudelli kummerċjali u tipi ta' appoġġ pubbliku; billi l-intrapriżi soċjali u solidali huma l-atturi tal-ekonomija soċjali, li hija parti integrali mill-ekonomija soċjali tas-suq Ewropea fil-qasam soċjali u fl-oqsma tal-edukazzjoni, il-kultura u l-ambjent;

B. billi l-intrapriżi soċjali u solidali jiffaċċjaw l-isfidi soċjetali b'approċċ innovattiv u jagħtu appoġġ essenzjali lill-Istati Membri; billi l-intrapriżi soċjali u solidali jagħtu kontribut siewi għall-innovazzjoni soċjali; billi l-ekonomija soċjali u solidali għandha titqies bħala wieħed mill-muturi fl-iżvilupp ta' suq intern u ekonomija tas-suq soċjalment u ambjentalment sostenibbli fl-Ewropa; billi l-intrapriżi soċjali u solidali qed isibu modi ġodda ta' kif isolvu l-problemi soċjali f'dinja li qed tinbidel b'rata mgħaġġla; billi l-impatt tal-intrapiżi soċjali u solidali, speċjalment matul il-kriżi ekonomika, ġie enfasizzat peress li joħolqu impjiegi deċenti, inklużivi, lokali u sostenibbli, irawmu t-tkabbir ekonomiku, iħarsu l-ambjent u jsaħħu l-koeżjoni soċjali u reġjonali[1];

C. billi d-diġitalizzazzjoni, miri klimatiċi ambizzjużi, il-migrazzjoni, l-inugwaljanzi, l-iżvilupp lokali, speċjalment fl-inħawi marġinalizzati, is-servizzi soċjali u tas-saħħa, il-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità u l-ġlieda kontra l-faqar, l-esklużjoni soċjali, il-qgħad fit-tul u l-inugwaljanza bejn is-sessi, kif ukoll kompiti ambjentali speċifiċi, joffru potenzjal kbir għall-intraprenditorija soċjali; billi l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u solidali joperaw fis-suq b'mod intraprenditorjali u jassumu riskji ekonomiċi;

D. billi l-intrapriżi soċjali għandu jkollhom identità komuni fl-Istati Membri kollha, b'attenzjoni għar-rikonoxximent importanti tad-diversità tagħhom; billi l-istudju reċenti mwettaq mid-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni bit-titlu "A European Statute for Social and Solidarity-based Enterprises" (Statut Ewropew għall-intrapriżi soċjali u solidali) jirrikonoxxi l-valur miżjud tal-azzjoni fil-livell tal-Unjoni u jirrakkomanda l-ħolqien ta' statut, kif ukoll tikketta, ċertifikazzjoni jew marka relatata, aktar milli obbligu li tinħoloq entità ġuridika partikolari għall-intrapriżi soċjali u solidali;

E. billi ż-żoni rurali joffru opportunitajiet konsiderevoli għall-intrapriżi soċjali u billi, għaldaqstant, huwa essenzjali li titqiegħed għad-dispożizzjoni infrastruttura xierqa fir-reġjuni rurali kollha;

F. billi l-edukazzjoni u t-taħriġ jeħtieġ ikunu oqsma ta' prijorità fl-iżvilupp ta' kultura intraprenditorjali fost iż-żgħażagħ;

G. billi l-impriżi mutwi li joperaw fis-setturi relatati mal-kura tas-saħħa u l-assistenza soċjali fl-Unjoni jimpjegaw 8,6 miljun persuna u jagħtu appoġġ lil 120 miljun ċittadin;

---

[1] http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2017/611030/EPRS_STU(2017)611030_EN.pdf

billi dawn l-impriżi mutwi għandhom sehem ta' 24 % mis-suq u jiġġeneraw aktar minn 4 % tal-PDG tal-Unjoni;

H. billi r-Regolament (UE) Nru 346/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti għall-ħolqien tal-fondi ta' intraprenditorija soċjali Ewropej;

1. Jenfasizza l-importanza fundamentali tal-madwar 2 miljun intrapriża tal-ekonomija soċjali fl-Ewropa[2], li jimpjegaw aktar minn 14.5 miljun persuna[3], kif ukoll l-importanza imprezzabbli tagħhom għall-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, għall-koeżjoni soċjali u reġjonali u għal aktar tkabbir ekonomiku fis-suq intern;

2. Jissottolinja li, fil-maġġoranza tal-Istati Membri tal-UE, l-intrapriżi soċjali u solidali għandhom storja twila u stabbilew ruħhom bħala parteċipanti essenzjali u importanti fis-suq;

3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet nazzjonali jirrispettaw l-ispeċifiċitajiet storiċi u ġuridiċi tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali f'dak li jirrigwarda r-regolamentazzjoni tas-suq;

4. Jenfasizza li, minħabba d-domanda dejjem akbar għas-servizzi soċjali, l-intrapriżi soċjali fl-Unjoni qed isiru dejjem aktar importanti fil-qasam tas-servizzi soċjali li jingħataw lill-persuni li qegħdin f'riskju jew f'sitwazzjoni ta' faqar u esklużjoni soċjali; jenfasizza li l-intrapriżi soċjali u solidali m'għandhomx jieħdu post is-servizzi soċjali pprovduti mill-Istat iżda, minflok, għandu jkollhom rwol komplementari għalihom; jiġbed l-attenzjoni għall-importanza tal-intrapriżi soċjali u solidali fl-għoti ta' servizzi soċjali, tas-saħħa jew edukattivi u fit-twettiq ta' kompiti ambjentali speċifiċi f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet lokali u l-voluntiera; jenfasizza li l-intrapriżi soċjali u solidali għandhom il-potenzjal li jsolvu ċerti sfidi soċjali permezz ta' approċċ "minn isfel għal fuq";

5. Jirrimarka li l-intrapriżi soċjali u solidali jipprovdu opportunitajiet ta' xogħol għall-persuni b'diżabilità u għal persuni minn gruppi żvantaġġati oħra;

6. Jirrimarka li l-intrapriżi soċjali u solidali għandhom bażi lokali u reġjonali b'saħħitha, li tagħtihom il-vantaġġ li jkunu jafu aħjar x'inhuma l-ħtiġijiet speċifiċi u li joffru l-prodotti u s-servizzi meħtieġa fl-inħawi, u b'hekk itejbu l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali;

7. Jinnota li l-intrapriżi soċjali u solidali jistgħu jikkontribwixxu biex tiżdied l-ugwaljanza bejn is-sessi u tonqos id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa;

8. Jenfasizza l-importanza tan-networking fost l-intrapriżi soċjali, u jistieden lill-Istati Membri jinkoraġġixxu t-trasferiment tal-għarfien u l-aħjar prattiki fl-Istati Membri (pereżempju bit-twaqqif ta' punti ta' kuntatt nazzjonali) u fl-Unjoni kollha, bl-involviment mhux biss tal-intrapriżi soċjali u solidali nfushom, iżda anke tal-intrapriżi

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 346/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar il-fondi ta' intraprenditorija soċjali Ewropej (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 8).
[2] https://ec.europa.eu/growth/sectors/social-economy_mt
[3] http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=738&langId=mt&pubId=7523, p. 47

tradizzjonali, id-dinja akkademika u partijiet interessati oħra; jistieden lill-Kummissjoni biex, fil-kuntest tal-Grupp ta' Esperti dwar l-Intraprenditorija Soċjali u f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tkompli tiġbor u taqsam informazzjoni dwar prattiki tajba eżistenti, u tanalizza kemm id-data kwalitattiva kif ukoll kwantitattiva dwar il-kontribut tal-intrapriżi soċjali u solidali kemm għall-politika pubblika kif ukoll għall-komunitajiet lokali;

9. Jitlob li tinħoloq pjattaforma online pubblika Ewropea u multilingwi, li permezz tagħha l-intrapriżi soċjali u solidali jkunu jistgħu jiksbu informazzjoni u jagħmlu skambju ta' ideat dwar l-inizjazzjoni, l-opportunitajiet u l-kundizzjonijiet ta' finanzjament tal-Unjoni, il-parteċipazzjoni fl-akkwist pubbliku u l-istrutturi ġuridiċi possibbli;

10. Jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi "tikketta tal-ekonomija soċjali Ewropea" fil-livell tal-Unjoni, applikabbli għall-intrapriżi soċjali u solidali u msejsa fuq kriterji ċari mfassla biex tenfasizza l-karatteristiċi speċifiċi ta' dawn l-impriżi u l-impatt soċjali tagħhom, iżżid il-viżibilità tagħhom, tħeġġeġ l-investiment, tiffaċilita l-aċċess għall-finanzjament u għas-suq uniku għal dawk li jixtiequ jespandu fil-livell nazzjonali jew fi Stati Membri oħra, u fl-istess ħin tirrispetta l-varjetà ta' forom ġuridiċi u oqfsa eżistenti fis-settur u fl-Istati Membri; jinnota, barra minn hekk, li l-kriterji għandhom jistabbilixxu – kemm f'termini ekonomiċi kif ukoll f'termini soċjali – b'referenza għall-vijabbiltà finanzjarja, l-għan espliċitu li jkunu ta' benefiċċju għall-komunità jew għal grupp speċifiku ta' persuni; jissottolinja li l-enfasi fuq l-aspetti soċjali għandha tkun l-objettiv ewlieni tal-intrapriżi soċjali u solidali; jemmen li l-għoti ta' tikketta bħal din għandu jsir fuq talba tal-intrapriżi li jissodisfaw il-kriterji ta' kwalifikazzjoni, pereżempju t-tħaddin ta' objettiv soċjali, dimensjoni intraprenditorjali, teħid ta' deċiżjonijiet parteċipattiv, u r-riinvestiment sostanzjali tal-profitti; iqis li t-"tikketta tal-ekonomija soċjali Ewropea" għandha tkun volontarja għall-intrapriżi iżda jeħtieġ tiġi rikonoxxuta mill-Istati Membri kollha;

11. Jenfasizza li bħalissa jeżistu kriterji għad-definizzjoni ta' "intrapriżi soċjali u solidali" għall-finijiet tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni, bħal dawk stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1], li jiddefinixxi "intrapriża soċjali" bħala impriża, irrispettivament mill-forma ġuridika tagħha, li:

(a) f'konformità mal-artikoli ta' assoċjazzjoni, l-istatuti jew kwalunkwe dokument ġuridiku ieħor li tkun stabbilita permezz tiegħu, ikollha, bħala objettiv primarju, l-ilħiq ta' impatti soċjali pożittivi li jistgħu jitkejlu, aktar milli l-ġenerazzjoni ta' profitti għas-sidien, il-membri u l-azzjonisti tagħha, u li:

    (i) tipprovdi servizzi jew prodotti li jiġġeneraw rendiment soċjali u/jew

    (ii) tuża metodu ta' produzzjoni ta' oġġetti jew servizzi li jinkludu l-objettiv soċjali tagħha;

(b) tinvesti l-profitti tagħha l-ewwel u qabel kollox biex tilħaq l-objettiv primarju tagħha u

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali ("EaSI") u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 283/2010/UE li tistabbilixxi Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress għall-impjiegi u l-inklużjoni soċjali (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 238).

jkollha implimentati proċeduri u regoli predefiniti li jkopru kwalunkwe distribuzzjoni tal-profitti lill-azzjonisti jew lis-sidien, sabiex ikun żgurat li tali distribuzzjoni ta' profitti ma timminax l-objettiv primarju; u

(c) tkun immaniġġjata b'mod intraprenditorjali, responsabbli u trasparenti, b'mod partikolari billi tinvolvi lill-ħaddiema, lill-klijenti u lill-partijiet ikkonċernati affettwati mill-attivitajiet kummerċjali tagħha;

12. Jenfasizza l-ħtieġa ta' definizzjoni wiesgħa u inklużiva fil-livell tal-Unjoni, li tenfasizza l-importanza tal-prinċipju li perċentwal sostanzjali tal-profitti magħmula mill-impriża għandhom jiġu riinvestiti jew użati b'tali mod li jintlaħaq l-iskop soċjali tal-intrapriżi soċjali u solidali; jenfasizza l-isfidi partikolari li jiffaċċjaw il-kooperattivi soċjali u l-intrapriżi soċjali li jippromwovu l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol (WISEs) fil-missjoni tagħhom li jgħinu lil dawk li l-aktar spiss ikunu esklużi mis-suq tax-xogħol, u jisħaq fuq il-ħtieġa li dawn l-organizzazzjonijiet ikunu koperti mit-tikketta l-ġdida;

13. Iqis li l-kriterji u r-rekwiżiti ġuridiċi minimi biex tinkiseb u tinżamm "tikketta soċjali Ewropea" jeħtieġ ikunu attività soċjalment utli li għandha tiġi ddefinita fil-livell tal-Unjoni; jirrimarka li din l-attività għandha tkun tista' titkejjel f'termini ta' impatt soċjali f'oqsma bħall-integrazzjoni soċjali tal-persuni vulnerabbli, l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' dawk li jkunu f'riskju ta' esklużjoni f'impjiegi sostenibbli u ta' kwalità, it-tnaqqis tal-inugwaljanzi bejn is-sessi, l-indirizzar tal-marġinalizzazzjoni tal-migranti, it-titjib tal-ugwaljanza fl-opportunitajiet permezz tas-saħħa, l-edukazzjoni, il-kultura, u akkomodazzjoni deċenti, u l-ġlieda kontra l-faqar u l-inugwaljanzi; jenfasizza li, fil-prestazzjoni tagħhom, l-intrapriżi soċjali u solidali jeħtieġ jikkonformaw mal-aħjar prattiki f'termini ta' kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjiegi;

14. Jenfasizza li l-ispejjeż u l-formalitajiet meħtieġa biex tinkiseb it-tikketta għandhom jinżammu f'livell baxx kemm jista' jkun, sabiex ma jkunux żvantaġġati l-intrapriżi soċjali, speċjalment il-kumpaniji soċjali u solidali li jkunu ta' daqs żgħir jew medju; għaldaqstant, jeħtieġ li l-kriterji komuni tal-Unjoni jkunu sempliċi, ċari u msejsa fuq fatturi materjali – aktar milli formali – u li l-proċeduri rilevanti ma jkunux ta' piż; jinnota li, filwaqt li l-obbligi tar-rappurtar huma għodda raġonevoli sabiex jiġi vverifikat li l-intrapriżi soċjali u solidali jkunu għadhom intitolati għat-"tikketta tal-ekonomija soċjali Ewropea", jeħtieġ li l-frekwenza ta' dawn ir-rapporti u l-informazzjoni obbligatorja prevista ma jkunux opprimenti żżejjed; jemmen li l-ispejjeż ta' proċess ta' ċertifikazzjoni/tikkettar jistgħu jkunu potenzjalment limitati jekk l-amministrazzjoni ċentrali titwettaq fil-livell tal-awtoritajiet nazzjonali li, f'kooperazzjoni mal-intrapriżi soċjali u solidali, ikunu jistgħu jaqilbu l-eżekuzzjoni u l-immaniġġjar fuq awtoamministrazzjoni nazzjonali wara d-definizzjoni pan-Ewropea tal-kriterji għall-intrapriżi soċjali u solidali;

15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu t-"tikketta tal-ekonomija soċjali Ewropea" attivament u jippubbliċizzaw il-benefiċċji soċjali u ekonomiċi tal-intrapriżi soċjali u solidali, inklużi l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u l-koeżjoni soċjali;

16. Jirrimarka li l-implimentazzjoni ta' strateġija ta' responsabbiltà soċjali korporattiva bħala parti minn pjan kummerċjali mhijiex biżżejjed biex intrapriża tiġi kklassifikata bħala intrapriża soċjali u solidali, u jenfasizza l-importanza, għaldaqstant, li ssir distinzjoni ċara bejn intrapriża soċjali u solidali u intrapriża impenjata fir-responsabbiltà

soċjali korporattiva (CSR);

17. Jemmen li l-prijoritajiet ta' investiment għall-intrapriżi soċjali u tal-ekonomija soċjali m'għandhomx ikunu limitati għall-inklużjoni soċjali, iżda għandhom jinkludu l-impjiegi u l-edukazzjoni, sabiex dawn jirriflettu l-firxa wiesgħa ta' attivitajiet ekonomiċi li jkunu preżenti fihom;

18. Jitlob li l-programm "Erasmus għal Imprendituri Żgħażagħ" jitkompla, li l-baġit tiegħu jintuża b'mod effikaċi u li l-informazzjoni dwar il-programm issir aktar aċċessibbli;

19. Jitlob li jiġu ssimplifikati l-proċeduri għat-twaqqif ta' intrapriża soċjali, sabiex il-burokrazija żejda ma tkunx ta' ostaklu għall-intraprenditorija soċjali;

20. Jistieden lill-Kummissjoni tinkorpora aħjar l-ekonomija soċjali fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni sabiex tistabbilixxi kundizzjonijiet ekwi għall-intrapriżi soċjali u solidali, minn naħa waħda, u forom oħra ta' intrapriżi, min-naħa l-oħra;

21. Jenfasizza l-ħtieġa li l-intrapriżi soċjali u solidali jingħataw appoġġ billi jingħatalhom biżżejjed finanzjament, peress li s-sostenibbiltà finanzjarja tagħhom hija essenzjali biex jibqgħu jeżistu; jenfasizza l-ħtieġa li jitrawwem l-appoġġ finanzjarju offrut mill-investituri privati u l-entitajiet pubbliċi lill-intrapriżi soċjali u solidali fil-livelli reġjonali, nazzjonali u tal-Unjoni, b'attenzjoni speċjali għall-finanzjament tal-innovazzjoni, u jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ id-dimensjoni soċjali tal-fondi eżistenti tal-Unjoni fil-kuntest tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jmiss – jiġifieri dak għal bejn l-2021 u l-2027 – bħalma huma l-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali, sabiex jiġu promossi l-ekonomija soċjali u l-intraprenditorija soċjali; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-implimentazzjoni tal-Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI) u l-assi tal-Mikrofinanzjament u l-Intraprenditorija Soċjali tiegħu, u żżid is-sensibilizzazzjoni tas-settur finanzjarju dwar il-karatteristiċi u l-benefiċċji ekonomiċi u soċjali tal-intrapriżi soċjali u solidali; iqis, barra minn hekk, li, b'mod ġenerali, hemm bżonn appoġġ għal mezzi ta' finanzjament alternattivi, bħal fondi ta' kapital ta' riskju, fondi inizjali, mikrokreditu u finanzjament kollettiv, biex jiżdiedu l-investimenti f'dan is-settur, abbażi tat-"tikketta tal-ekonomija soċjali Ewropea";

22. Jitlob li l-fondi tal-Unjoni jintużaw b'mod effiċjenti u jenfasizza li l-aċċess għal dawn il-fondi jeħtieġ ikun aktar faċli għall-benefiċjarji, anke biex l-intrapriżi soċjali jingħataw appoġġ u jissaħħu fl-objettiv primarju tagħhom li jħallu impatt soċjali aktar milli jimmassimizzaw il-profitt tagħhom, li finalment joffri redditu fuq l-investiment għas-soċjetà fuq żmien twil; jistieden lill-Kummissjoni biex, fil-kuntest tal-QFP 2021-20127 li jmiss, twettaq rieżami tal-qafas regolatorju għall-fondi ta' investiment soċjali sabiex tiffaċilita l-aċċess tal-intrapriżi soċjali u solidali għas-suq finanzjarju; jitlob, f'dan il-kuntest, kampanja Ewropea effikaċi biex titnaqqas il-burokrazija u tiġi promossa t-"tikketta tal-ekonomija soċjali Ewropea";

23. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu passi kwantifikabbli biex jiżblukkaw u jattiraw l-investiment pubbliku u privat meħtieġ mill-intrapriżi soċjali u solidali, fosthom il-promozzjoni ta' "tikketta tal-ekonomija soċjali Ewropea"; jinnota, f'dan ir-rigward, li l-ekonomija soċjali għadha tħabbat wiċċha ma' diffikultajiet fl-aċċess

għall-akkwist pubbliku, bħal ostakli relatati mad-daqs u l-kapaċità finanzjarja; itenni l-importanza ta' implimentazzjoni effikaċi tal-pakkett ta' riforma dwar l-akkwist pubbliku min-naħa tal-Istati Membri sabiex ikun hemm parteċipazzjoni akbar minn dawn l-intrapriżi fil-proċeduri ta' offerti għal kuntratti pubbliċi, billi jippubbliċizzaw aħjar ir-regoli, il-kriterji u l-informazzjoni dwar l-offerti, itejbu l-aċċess għall-kuntratti għal dawn l-intrapriżi, anke permezz ta' klawsoli u kriterji soċjali, jissimplifikaw il-proċeduri u jfasslu l-offerti b'tali mod li jagħmluhom aċċessibbli għal operaturi iżgħar;

24. Jagħraf li huwa importanti li l-intrapriżi fl-ekonomija soċjali u solidali jingħataw appoġġ finanzjarju; jistieden lill-Kummissjoni tqis l-ispeċifiċitajiet tal-intrapriżi soċjali li jirċievu għajnuna mill-Istat; jipproponi li jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament fuq l-eżempju tal-kategoriji stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014[1];

25. Jisħaq fuq il-fatt li l-Kummissjoni u l-Istati Membri, kif ukoll l-awtoritajiet reġjonali u lokali, għandhom jissimplifikaw id-dimensjoni tal-intrapriża soċjali fil-politiki, il-programmi u l-prattiki rilevanti;

26. Jenfasizza li dawk li l-aktar spiss ikunu esklużi mis-suq tax-xogħol jeħtieġ isirulhom offerti ta' impjieg, bir-riintegrazzjoni tal-persuni qiegħda fit-tul u l-ġlieda kontra l-faqar b'mod ġenerali;

27. Jinnota li, minbarra l-finanzjament, l-għoti ta' servizzi edukattivi u taħriġ għall-individwi impjegati mill-intrapriżi soċjali – speċjalment biex jitrawmu l-ħiliet intraprenditorjali u l-għarfien ekonomiku bażiku dwar kif titmexxa intrapriża – kif ukoll l-għoti ta' appoġġ speċjalizzat, flimkien mas-simplifikazzjoni tal-amministrazzjoni, huma kruċjali biex jissaħħaħ it-tkabbir ta' dan is-settur; jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw politiki mmirati lejn trattament fiskali favorevoli għall-intrapriżi soċjali;

28. Jenfasizza bil-qawwa li r-regoli ta' kif joperaw l-intrapriżi soċjali jridu jirrispettaw il-prinċipji ta' kompetizzjoni ġusta u ma jippermettux kompetizzjoni inġusta, sabiex l-intrapriżi żgħar u medji jkunu jistgħu jiffunzjonaw kif suppost.

[1] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1).

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 15.5.2018 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 40<br>–: 3<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Laura Agea, Brando Benifei, Vilija Blinkevičiūtė, Enrique Calvet Chambon, David Casa, Geoffroy Didier, Martina Dlabajová, Lampros Fountoulis, Elena Gentile, Arne Gericke, Marian Harkin, Danuta Jazłowiecka, Agnes Jongerius, Jan Keller, Ádám Kósa, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Jean Lambert, Jérôme Lavrilleux, Jeroen Lenaers, Verónica Lope Fontagné, Javi López, Thomas Mann, Joëlle Mélin, Miroslavs Mitrofanovs, Elisabeth Morin-Chartier, Emilian Pavel, Georgi Pirinski, Robert Rochefort, Claude Rolin, Siôn Simon, Romana Tomc, Marita Ulvskog, Jana Žitňanská |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Georges Bach, Tania González Peñas, Sergio Gutiérrez Prieto, Krzysztof Hetman, Miapetra Kumpula-Natri, Joachim Schuster, Helga Stevens, Neoklis Sylikiotis |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Dominique Bilde, Dietmar Köster |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 40 | + |
|---|---|
| ALDE | Enrique Calvet Chambon, Martina Dlabajová, Marian Harkin, Robert Rochefort |
| ECR | Arne Gericke, Helga Stevens, Jana Žitňanská |
| EFDD | Laura Agea |
| GUE/NGL | Tania González Peñas, Neoklis Sylikiotis |
| PPE | Georges Bach, David Casa, Geoffroy Didier, Krzysztof Hetman, Danuta Jazłowiecka, Ádám Kósa, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Jérôme Lavrilleux, Jeroen Lenaers, Verónica Lope Fontagné, Thomas Mann, Elisabeth Morin-Chartier, Claude Rolin, Romana Tomc |
| S&D | Brando Benifei, Vilija Blinkevičiūtė, Elena Gentile, Sergio Gutiérrez Prieto, Agnes Jongerius, Jan Keller, Dietmar Köster, Miapetra Kumpula-Natri, Javi López, Emilian Pavel, Georgi Pirinski, Joachim Schuster, Siôn Simon, Marita Ulvskog |
| VERTS/ALE | Jean Lambert, Miroslavs Mitrofanovs |

| 3 | - |
|---|---|
| ENF | Dominique Bilde, Joëlle Mélin |
| NI | Lampros Fountoulis |

| 0 | 0 |
|---|---|
| | |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni